MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2011

Numru. 1/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Jason Cauchi ta' 25 sena, bin Clement u Jane nee' Grima, imwieled Rabat, nhar il-10 ta' Ottubru, 1983, residenti fil-fond numru Clem Jane House, Triq il-Wileg, San Lawrenz, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 36483(G)**

**U**

**Mario Cauchi ta' 20 sena, bin Clement u Jane nee' Grima, imwieled Rabat, nhar il-25 ta' Awwissu, 1989, residenti fil-fond numru Clem Jane House, Triq il-Wileg, San Lawrenz, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 3390(G)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ’l hawn fuq imsemmija Jason Cauchi u Mario Cauchi li gew akkuzati talli nhar il-04 ta’ April, 2009, gewwa, il-Qasam ta’ Gewwa, limiti tal-Gharb (Ghawdex) ghal habta tal-erbgha ta’ wara nofsinhar (16:00hrs);

a) Hadu jew ipprovaw jiehdu xi ghasfur b’kull mezz li jkun meta ma kinux fil-pussess ta’ licenzja valida mahruga mid-Direttur tad-Dipartiment ghall-Harsien tal-Ambjent fi hdan l-awtoritajiet ta’ Malta ghall-Ambjent u l-Ippjanar jew Rapprezentant tieghu;

b) Hadu jew ipprovaw jiehdu xi ghasfur waqt stagun maghluq;

c) Ikkaccjaw jew ipprovaw jikkaccjaw, hadu jew ipprovaw jiehdu xi ghasfur b’xi tip ta’ trabokk kemm bix-xibka jew minghajrha;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputati liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghthom zmien jirrikonsidraw l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputati, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputati;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 7 (1) (f), 12 (1), 18(1) (c), 27 (3) (a) tal-Avviz Legali 79/2006 kif sussegwentement emendat, issib lill-imputati hatja tal-

akkuzi migjuba fil-konfront taghhom u tikkundannahom multa ta’ tliet mitt ewro (€300.00) kull wiehed.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------